

EBA/GL/2021/17

17 ta' Diċembru 2021

1. Linji gwida

dwar id-delinjazzjoni u r-rapportar ta'
mezzi finanzjarji disponibbli (AFM) tal-
Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti (SGD)

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għanu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li għalihom japplikaw il-linji gwida, jenħtieġ li jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida jkunu indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Ir-rekwiżiti tar-rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti indirizzati minn dawn il-linji gwida jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk ikunux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 31.03.2022. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu li mhumiex konformi mill-EBA. In-notifikasi għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2021/17". In-notifikasi għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifikasi se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jiddeskrivu fid-dettall il-mezzi finanzjarji disponibbli (AFM) skont l-Artikolu 2(1)(12) tad-Direttiva 2014/49/UE (id-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti) f'dawk il-mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati (QAFM) li kienu kkontribwiti skont l-Artikolu 10(1) tal-istess Direttiva u, għalhekk, jgħoddu sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira, u mezzi finanzjarji disponibbli oħrajn li ma kinux ikkontribwiti la b'mod dirett u lanqas b'mod indirett u b'hekk ma jgħoddux biex jintlaħaq il-livell fil-mira. Barra minn hekk, dawn il-linji gwida jespandu r-rekwiżiti tar-rapportar tal-fondi tal-SGD lill-EBA skont l-Artikolu 10(10) ta' dik id-Direttiva.
6. Dawn il-linji gwida għandhom l-għan li jiżguraw applikazzjoni armonizzata tad-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira fl-UE. Dawn jiddeterminaw liema mezzi finanzjarji disponibbli jikkwalifikaw sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira tal-SGD. Madankollu, m'għandhomx ikunu ikkunsidrati li jiddeterminaw liema fondi huma disponibbli għal kull każ ta' interventi. Fl-assenza ta' regoli uniformi, l-SGD sfl-UE kollha jistgħu potenzjalment jimponu kontribuzzjonijiet minn istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati b'mod li l-konformità konsistenti mal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti ma tkunx żgurata, jiġifieri l-livell fil-mira jkun milħuq fil-ħin speċifikat f'dak l-Artikolu. Barra minn hekk, il-kunċetti diverġenti tal-mezzi finanzjarji disponibbli li jikkontribwixxu sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira jistgħu jdgħajfu l-konsistenza tad-data rapportata lill-EBA skont l-Artikolu 10(10) tad-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti u b'hekk jagħmlu t-trasparenza diffiċċi. Għaldaqstant, f'konformità mal-Artikolu 26(1) u 26(2) tar-Regolament UE/1093/2010, l-EBA tadotta l-linji gwida taqħha stess dwar l-inizjattivi sabiex tirrimedja din is-sitwazzjoni.

Kamp ta' applikazzjoni

7. Dawn il-linji gwida japplikaw għal awtoritajiet kompetenti meta jiddeterminaw il-livell tal-mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati li jikkontribwixxu sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira tal-SGDs taħt is-superviżjoni tagħhom u meta jirrapportaw l-informazzjoni meħtieġa lill-EBA.
8. Meta SGD tkun amministrata minn entità privata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li dawn il-linji gwida jkunu applikati minn dawn l-SGDs.

Destinatarji

9. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2)(i) u (iv) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Ir-referenzi għall-“awtoritajiet kompetenti” f'dawn il-

linji gwida jirreferu għat-tipi kollha ta' awtoritajiet, kif applikabbi, abbażi tal-kompetenzi assenjati mid-Direttiva ta' implementazzjoni applikabbi tal-qafas nazzjonali 2014/49/EU.

Definizzjonijiet

10. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva 2014/49/EU għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

AFM oħrajn	tfisser dawk il-mezzi finanzjarji disponibbli kollha ta' SGD li mhumiex mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati (eż. fondi mislufa).
Intervent tal-SGD	tfisser intervent imwettaq minn SGD li fih tuża l-fondi tal-SGD għall-iskopijiet permessi skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti, bħall-ħlas lura lid-depożitanti (Artikolu 11(1)), li jikkontribwixxi għar-riżoluzzjoni (Artikolu 11(2)), li jipprevjeni l-falliment ta' istituzzjoni ta' kreditu (Artikolu 11(3)), jew il-preservazzjoni tal-aċċess tad-depożitanti għal depożiti koperti fil-kuntest ta' proċedimenti ta' insolvenza nazzjonali (Artikolu 11(6)).
Irkupri	tfisser assi li jissodisfaw id-definizzjoni ta' mezzi finanzjarji disponibbli, li SGD tirċievi bħala konsegwenza tad-drittijiet li kisbet abbażi ta' intervent tal-SGD.
Mezzi finanzjarji disponibbli (AFM)	tfisser il-flus, id-depożiti u l-assi b'riskju baxx ta' SGD kollha li jistgħu jkunu likwidati f'perijodu li ma jkunx iktar minn dak imsemmi fl-Artikolu 8(1) u l-impenji ta' pagament sal-limitu stabbilit fl-Artikolu 10(3).
Mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati (QAFM)	tfisser dawk il-mezzi finanzjarji disponibbli kollha li kienu kontribwiti lil istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati ta' SGD jew li jkunu derivati minn dawn il-fondi kontribwiti skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2014/49/EU.

3. Implementazzjoni

Data ta' applikazzjoni

11. Dawn il-linji gwida japplikaw minn 30.03.2022.

4. Delinjazzjoni tal-mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati u r-rapportar tal-fondi tal-SGD

4.1 Delinjazzjoni tal-mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati

12. Awtorità kompetenti għandha tiżgura li SGD tinkludi biss mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati meta tiddetermina jekk intlaħaqx il-livell fil-mira skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti.
13. Għall-iskop ta' dawn il-linji gwida, il-mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati li ma kinux kontribwiti b'mod dirett imma huma derivati minn fondi kontribwiti għandhom jinkludu l-irkupri li jsegwu wieħed miż-żewġ metodi deskritti f'taqSIMA 4.2 u l-introjtu tal-investiment li jsegwi l-metodu deskritt f'taqSIMA 4.3.
14. Għall-iskop ta' dawn il-linji gwida, il-mezzi finanzjarji disponibbli jistgħu jkunu meqjusa bħala mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati biss jekk il-kontribuzzjonijiet (straordinarji) li joħorġu minnhom ikunu ħielsa minn kull obbligu ta' SGD biex ikunu mħallsa lura mar-riċevuta tal-irkupri, eż. lill-ištutzzjonijiet kontributorji.
15. Awtorità kompetenti għandha tiżgura li SGD ikollha s-sistemi adegwati stabbiliti sabiex iżżomm rendikont tal-oriġini tal-fondi.

4.2 L-indirizzar tal-irkupri skont il-mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati

16. SGD għandha talloka rkupri lill-mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati u lil mezzi finanzjarji disponibbli oħrajn skont wieħed miż-żewġ approċċi permessi: approċċ A jew approċċ B.
17. Fejn SGD ma tkunx awtorità kompetenti, għandha tinforma lill-awtorità kompetenti dwar l-approċċ li tagħżel qabel ma timplimentah.
18. Skont approċċ A, SGD għandha:
 - a. talloka rkupri riċevibbli lil mezzi finanzjarji disponibbli oħrajn, jekk f'dak il-żmien il-mezzi finanzjarji disponibbli oħrajn ikunu aktar baxxi mill-obbligazzjonijiet pendentli kif rapportat fil-Linja Gwida 4.5 sakemm mezzi finanzjarji disponibbli oħrajn ikunu ugħali għall-obbligazzjonijiet pendentli, u

- b. talloka rkupri riċevibbli lil mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati jekk f'dak iż-żmien mezzi finanzjarji disponibbli oħrajn ikunu uguali għal jew ikbar mill-obbligazzjonijiet pendentni kif rapportat skont il-Linja Gwida 4.5, u
- c. talloka mill-ġdid mezzi finanzjarji disponibbli oħrajn fi kwalunkwe żmien li jeċċedu l-obbligazzjonijiet pendentni kif rapportat skont il-Linja Gwida 4.5 tal-mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati.

19. Skont approċċ B, SGD għandha:

- a. tirreġistra l-proporzjon tas-self użat f'dak l-intervent tal-SGD, li huwa l-proporzjon tal-obbligazzjoni totali li ġġarrab dik l-SGD għall-fini ta' dak l-intervent tal-SGD, diviż mill-ammont totali tal-fondi użati f'dak l-intervent tal-SGD, u
- b. tirreġistra ċ-ċifra aggregata tal-irkupri riċevuti mill-insolvenza relatata mill-bidu ta' dak l-intervent tal-SGD, u
- c. tirreġistra ċ-ċifra aggregata tal-ħlasijiet lura tal-obbligazzjoni relatata mill-bidu ta' dak l-intervent tal-SGD, u
- d. tiddetermina “l-mezzi finanzjarji disponibbli oħrajn speċifiċi għall-intervent” relatati ma’ dak l-intervent tal-SGD billi timmoltiplika l-irkupri aggregati (skont is-subparagrafu 19b) mal-porżjon ta’ self l-iktar aġġornat (skont is-subparagrafu 19a) u mbagħad tnaqqas l-ħlasijiet lura aggregati (skont is-subparagrafu 19c), u jekk ir-riżultat ikun negattiv, isir żero, peress li “l-mezzi finanzjarji disponibbli oħrajn speċifiċi għall-intervent” ma jistgħux ikun negattivi, u mbagħad
- e. tiddetermina li l-mezzi finanzjarji disponibbli oħrajn tal-SGD ikunu uguali għas-somma tal-“mezzi finanzjarji disponibbli oħrajn speċifiċi għall-intervent” relatati ma’ kull intervent tal-SGD (skont is-subparagrafu 19d).

20. Irrespettivament minn liema wieħed miż-żewġ approċċi jintagħżel minn SGD, fi kwalunkwe żmien, il-livell ta’ mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati ta’ SGD huwa ddeterminat mit-tnaqqis ta’ “mezzi finanzjarji disponibbli oħrajn” mill-mezzi finanzjarji disponibbli.

21. Irrispettivament minn liema wieħed miż-żewġ approċċi jintagħżel minn SGD, l-SGD għandha tiġib biżżejjed kontribuzzjonijiet b'mod li tħares 'l quddiem sabiex:

- a. il-livell li jirriżulta tal-mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati u mezzi finanzjarji disponibbli oħrajn ikun suffiċjenti sabiex jaqdi l-obbligazzjonijiet pendentni rapportati skont it-taqSIMA 4.5 ta’ dawn il-linji gwida malli dawn l-obbligazzjonijiet ikunu mistennija li jissodisfaw l-iskadenza applikabbli fl-Artikolu 10(2) tad-Direttiva dwar Skemi ta’ Garanzija tad-Depożiti, u
- b. wara li jintlaħaq il-livell fil-mira għall-ewwel darba u wara l-intervent tal-SGD, imma qabel l-iskadenza biex ikun issodisfat il-livell fil-mira mill-ġdid skont l-Artikolu 10(2) tad-

Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti, is-servisjar ta' dawn l-obbligazzjonijiet waħdu ma jwassalx għal tnaqqis tal-mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati għal inqas minn żewġ terzi tal-livell fil-mira, u

- c. jekk SGD ikollha obbligazzjoni pendenti wara l-iskadenza biex tilħaq il-livell fil-mira wara intervent, is-servisjar ta' dawn l-obbligazzjonijiet waħdu ma jnaqqasx l-mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati tal-SGDs taħt il-livell fil-mira.

4.3 L-indirizzar tal-introjtu mill-investiment skont il-mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati

22. Sakemm SGD tiddeċiedi li żid l-introjtu tagħha mill-attivitajiet ta' investiment għall-mezzi finanzjarji disponibbli tal-SGD, dan l-introjtu għandu jkun ikkunsidrat bħala mezz finanzjarju disponibbli kwalifikat irrespettivament minn jekk l-investiment sottostanti kienx iffinanzjat mill-mezz finanzjarju disponibbli kwalifikat jew mezz finanzjarju disponibbli ieħor.

23. SGD għandha talloka t-telf mill-investimenti għal mezz finanzjarji disponibbli kwalifikati.

4.4 L-indirizzar tas-self bejn l-SGDs

24. Fondi li SGD ssellef lil SGD oħra skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti m'għandhomx jikkontribwixxu għall-mezzi finanzjarji disponibbli u b'hekk lanqas għall-mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati jew mezz finanzjarji disponibbli oħrajn tal-SGD li qiegħda ssellef.

25. Fondi li SGD tissellef minn SGD oħra skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti m'għandhomx jikkontribwixxu għas-sel -self tal-mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati tal-SGD. Jekk jissodisfaw id-definizzjoni sabiex jikkwalifikaw bħala mezz finanzjarji disponibbli, dawn għandhom jgħoddu bħala mezz finanzjarji disponibbli oħrajn.

26. Meta SGD tiġbor il-kontribuzzjonijiet, għandha tikkunsidra l-ammont u l-ħin mistenni meta se tirċievi ħlas lura tas-self li għamlet lil SGD oħra skont il-kundizzjonijiet tas-self.

4.5 Rapportar lill-EBA

27. Awtorità kompetenti għandha, għal kull SGD taħt is-superviżjoni tagħha, sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, tinforma lill-EBA dwar:

- a. l-ammont ta' depożiti koperti u l-ammont tal-mezzi finanzjarji disponibbli ingħegħali kif ukoll il-mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati u mezz finanzjarji disponibbli oħrajn tal-SGD jew SGDs tagħhom fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel, u
- b. l-obbligazzjonijiet pendenti li ġġarrbu għall-iskop ta' intervent tal-SGD jew investiment tal-SGD jew SGDs tagħhom fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel. Din iċ-ċifra għandha teskludi obbligazzjonijiet operazzjonali tal-SGD jew SGDs, u

- c. I-arranġamenti ta' finanzjament alternattivi li l-SGD jew SGDs ikollhom fis-seħħ sabiex iwettqu prelevament addizzjonali ta' likwidità fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel, u
- d. is-self pendenti tal-SGD jew l-SGDs tagħhom lil SGDs oħrajn skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel, u
- e. I-aproċċ magħżul mill-SGDs tagħhom sabiex jallokaw l-irkupri skont il-Linja Gwida 4.2.

Anness 1: Skema ta' rapportar għall-fondi tal-SGD

Informazzjoni bażika	
Awtorità ta' Rapportar:	
Stat Membru:	
Skema ta' Garanzija tad-Depożiti:	
Data tas-sottomissjoni:	
Is-sena ta' rapportar:	
Munita	
[Biss, jekk il-munita ma tkunx euro]:	
Data tar-rata tal-kambju (jekk mhux il-31 ta' Diċembru)	
Rata tal-kambju	
L-approċċ magħżul għall-allokazzjoni tal-irkupri	Approċċ A <input type="checkbox"/> / Approċċ B <input type="checkbox"/> / għadu mhux deċiż <input type="checkbox"/>

Ammont ta' fondi tal-SGD mill-31 ta' Diċembru tas-sena tar-rapportar	Ammont f'EUR (eluf)	[Biss, jekk il-munita ma tkunx euro]: Ammont fil-munita lokali (eluf)
Mezzi finanzjarji disponibbli		
li minnhom: mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati (QAFM)		
li minnhom: mezzi finanzjarji disponibbli oħrajn (AFM oħrajn)		
Obbligazzjonijiet pendenti li ġġarrbu għall-fini ta' intervent mill-SGD jew l-investiment		
Depożiti koperti		
Self pendenti lil SGD's oħrajn skont l-Artikolu 12 tad-DGSD.		

Arranġament alternattiv ta' finanzjament fis-seħħi	Tweġibet multipli possibbi
Self obbligatorju minn banek membri	<input type="checkbox"/>
Linja ta' kreditu (jew simili) mill-bank ċentrali	<input type="checkbox"/>
Linja ta' kreditu (jew simili) mill-gvern	<input type="checkbox"/>
Linja ta' kreditu (jew simili) ma' bank (banek) kummerċjali	<input type="checkbox"/>
Oħrajn (jekk jogħġibok speċifika)	Test Liberu